# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 26 ta' Novembru 2020**

**Kawza Numru: 5**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 186/2012 JVC**

**Angela Magro u b'digriet tas-27 ta' Awwissu 2019 f'isem Grezzju Magro, Anthony sive Ninu Magro, George Magro, Emanuel Magro, Joseph Magro, Salvatore Magro, Michelina sive Lina armla minn Andrew Cuschieri, Domenica mart Saverio Pulis u Mary mart Alfred Darmanin stante l-mewt ta' Angelo Magro fil-mori tal-kawza u Giuseppa Magro u b'digriet tat-3 ta' Jannar 2018 Graziella Magro, Annalise Magro u Christopher Magro assumew l-atti tal-kawza flimkien ma' Angela Magro**

**vs**

**Angelo Magro u martu Salvina Magro u ghal kull interess li jista' jkollhom, George u martu Grace Magro, Emanuel u martu Mary Magro Giuseppe u martu Rita Magro u Salvatore u martu Doris Magro**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Angela Magro et ikkonfermat bil-gurament u talbu kif isegwi:

'Illi r-rikorrenti Giuseppa Magro u r-ragel taghha Emanuel Magro kienu proprjetarji tal-fond razzett li ghandu bieb li jgib in-numru wiehed (1) fi Triq tax-Xjakka f'Haz-Zabbar, liema bieb jaghti ghal entrata mghottija, u ghandu wkoll bieb iehor li wkoll igib in-numru wiehed (1) li jaghti fuq il-main road li tigi kantuniera ma l-istess Triq tax-Xjakka u minn naha ta' gewwa jaghti ghal fuq sqaq m'hux imsaqqaf. Dan ir-razzett jinkludi mieghu wkoll kamra li giet identifikata bhala l-kamra ta' l-annimali li tinsab fir-raba ta' wara r-razzett;

Illi r-rikorrenti Giuseppa Magro flimkien ma zewgha kienu xtraw dan ir-razzett, flimkien mal-kamra ta' l-annimali, permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza ta' l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Awissu tas-sena elf disa' mija u erbgha u tmenin (1984), vera kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bl-ittra "**A**";

Illi Emanuel Magro miet fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u hamsa u disghin (1995) u dan kif jidher minn certifikat tal-mewt li jgib in-numru seba' mija u sitta u ghoxrin tas-sena elf

disa′ mija u hamsa u disghin (726/1995) kopja ta′ liema huwa anness u mmarkat bl-ittra "**B**";

Illi Emanuel Magro halla is-sehem tieghu ta′ nofs indiviz mir-razzett aktar il-fuq deskritt lil-bintu r-rikorrenti Angela Magro b′titolu ta′ legat, skond testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza, li jgib id-data tat-tlettax (13) ta′ Marzu tas-sena elf disa′ mija u sitta u tmenin (1986), vera kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bl-ittra "**C**". Ic-certifikati testamentarji, kemm pubblici kif ukoll dawk sigirieta, qed jigu hawn annessi u mmarkati bl-ittri "**D**" u "**E**" rispettivament;

Illi r-rikorrenti Giuseppa Magro ttrasferiet favur bintha r-rikorrenti Angela Magro r-rimanenti nofs indiviz tar-razzett fuq deskritt li kien jappartjeni lilha u dan permezz ta′ kuntratt ta′ donazzjoni datat it-tmienja (8) ta′ Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fl-atti tan-Nutar Dottor William Azzopardi, kopja ta′ liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bl-ittra "**F**", u fuq l-istess att hija rriteniet favur taghha d-dritt ta′ uzufrutt fuq l-imsemmi razzett;

Illi r-rikorrenti Angela Magro giet immessa fil-pussess tal-legat imholli lilha minn missierha minn hutha kollha hlief l-intimat, lkoll bhala werrieta ta′ missierhom Emanuel Magro, permezz ta′ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor William Azzopardi datat tmintax (18) ta′ Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011), vera kopja ta′ liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bl-ittra "**G**" u barra minn hekk hija gja ghanda l-pussess materjali ta′ l-imsemmi immobbli billi ghandha c-cwievet u liberalment taghmel uzu mill-immobbli;

Illi r-rikorrenti Angela Magro sejhet lill-intimat Angelo Magro wkoll, bhala wiehed mill-werrieta tal-mejjet Emanuel Magro, sabiex jaghtiha l-pussess tan-nofs indiviz tar-razzett fuq deskritt, skond l-artikolu 726 tal-Kodici Civili ta' Malta (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) izda huwa baqa inadempjenti;

Illi in oltre, l-intimat Angelo Magro wettaq xogholijiet fil-proprjeta tar-rikorrenti billi: ddemolixxa zewg hitan li kienu jifirdu r-razzett fuq imsemmi mir-raba proprjeta ta' l-intimat Angelo Magro u ta' hutu l-ohrajn George, Emanuel, Giuseppe u Salvatore Magro wkoll hawn intimati (vide vera kopja tal-kuntratt datat erbgha u ghoxrin (24) ta' Awissu tas-sena elf dia' mija u erbgha u tmenin (1984) fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza hawn annessa u mmarkata bl-ittra "**H**"); iddemolixxa wkoll il-kamra ta' l-annimali aktar il-fuq imsemmija u minn flokha bena kamra akbar li huwa approprja ghalih in-nifsu; u finalment ghadda minn bitha li tifforma parti mir-razzett hawn imsemmi *cable* u katusa tad-dawl u l-ilma rispettivament u dan sabiex huwa wassal tali servizzi mid-dar proprjeta tieghu li tinsab fil-vicinanzi tar-razzett, ghall-art hawn imsemmija li hija proprjeta ta' l-intimat u hutu (jew *vice versa,* mir-raba ghad-dar);

Illi ghaldaqstant l-intimat Angelo Magro dahal f'parti mill-proprjeta tar-rikorrenti u fuqha esegwixxa certu xogholijiet fuq il-hitan, usurpa l-kamra ta' l-annimali u ghadda *cable* u katusa mill-arja proprjeta tar-rikorrenti kif aktar il-fuq spjegat u konsegwentement qed jokkupa partijiet mir-razzett illegalment, abbuzivament u bla ebda dritt fil-ligi u dan kif ser jigi pruvat ahjar matul it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-intimat Angelo Magro kemm il-darba gie interpellat sabiex jiddezisti milli jkompli jagixxi b'dan il-mod illegali u abbuziv u sabiex jirriprestina s-sitwazzjoni ghal dik prevalenti qabel ma saru minnu x-xogholijiet aktar il-fuq spjegati, izda huwa baqa inadempjenti;

Illi ghalhekk din il-kawza qed issir ukoll abbazi ta' l-*actio rei vendicatoria* biex jigi determinat u deciz li x-xogholijiet maghmula mill-intimat u l-*cable* u katusa mghoddija mill-intimat huma maghmula u mghoddija fuq proprjeta tar-rikorrenti u b'hekk qieghed jokkupa parti mill-immobli appartenenti lir-rikorrenti;

Jghid ghalhekk l-intimat, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. tikkundanna lill-intimat bhala werriet ta' Emanuel Magro ihallas lir-rikorrenti Angela Magro l-legat lilha mholli mill-istess Emanuel Magro fit-testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza, li jgib id-data tat-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u sitta u tmenin (1986), billi jaghtiha l-pussess legali tar-razzett deskritt ahjar fil-premessi ta' dan ir-rikors;

2. tahtar Nutar biex jercievi u jippubblika l-att relattiv ta' immissjoni fil-pussess u kuraturi biex jidhru f'isem l-intimat Angelo Magro fil-kaz illi dan jonqos li jersaq ghall-publikazzjoni ta' dan l-att;

3. tiffissa gurnata u hin li fiha ghandu jigi pubblikat l-att relattiv ta' immissjoni fil-pussess;

4. tiddikjara li dawk il-partijiet mir-razzett u l-kamra ta' l-annimali li dwarhom usurpa favur tieghu certu drittijiet kif spjegat ahjar fil-premessi ta' dan ir-rikors, jappartjenu lir-rikorrenti Angela Magro bid-dritt ta' uzufrutt favur ir-rikorrenti l-ohra Giuseppa Magro;

5. tiddikjara li l-intimat Angelo Magro wettaq xogholijiet fuq zewg hitan u fuq il-kamra ta' l-annimali u wkoll ghadda *cable* u katusa tad-dawl u l-ilma rispettivament f'bitha li lkoll jifformaw parti mill-immobbli proprjeta tar-rikorrenti u konsegwentement qed jokkupa partijiet mir-razzett illegalemnt, abbuzivament u bla ebda titolu fil-ligi;

6. tordna lill-intimat Angelo Magro sabiex, a spejjez tieghu, u taht sorveljanza ta' Perit li jigi mahtur minn din il-Qorti ghal dan il-ghan, jirriprestina s-sitwazzjoni koncernati r-razzett proprjeta tar-rikorrenti fl-istat prevalenti qabel ma saru x-xogholijiet in kwistjoni u cioe billi jinbnew iz-zewg hitan li twaqqaw mill-intimat Angelo Magro, terga tinbena l-kamra ta' l-annimali skond l-istat originali taghha u jitnehhew il-*cable* u l-katusa li bhalissa ghaddejjin mill-bitha proprjeta tar-rikorrenti u konsegwentement ukoll jiddezisti milli jokkupa dawn il-partijiet tar-razzett bi kwalunkwe mod u jirrilaxxa l-imsemmija partijiet okkupati minnu illegalment u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat lilu minn din il-Qorti;

7. fil-kaz li l-intimat Angelo Magro jibqa inadempjenti tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jaghmlu huma x-xogholijiet necessarji imsemmija fit-talba precedenti a spejjez unikament tal-konvenut;

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni.'

Rat ir-Risposta Guramentata ta' Angelo Magro et li eccepew kif isegwi:

1. 'Illi l-esponenti Angelo Magro huwa wiehed mill-werrieta ta' Emanuel Magro, fil-waqt li Salvina Magro ma ghandha x'taqsam xejn mal-eredita tieghu ghajr li tigi mart l-esponenti Angelo Magro;

2. Illi sa fejn jaf l-esponenti qatt ma saret dikjarazzjoni *causa mortis* tal-eredita tal-mejjet Emanuel Magro;

3. Illi l-esponenti Angelo Magro akkwista flimkien ma' whud minn hutu xi proprjeta minghand il-mejjet u kuntrarjament ghal dak li qieghdin jippretendu l-atturi, mhuwiex minnu li esponenti uzurpa xi proprjeta tal-atturi;

4. Illi bejn il-kontendenti hemm diversi kwistjonijiet u bejn uhud minnhom anke kawzi u l-azzjoni odjerna mhi xejn ghajr mezz iehor sabiex issir pressjoni fuq l-esponenti;

Illi ghalhekk l-esponenti jeccepixxu dan li gej :

1. Preliminarjament in-nullita tal-kawza stante li l-mod kif din giet proposta ma jregix in kwantu (i) azzjoni ghal imissjoni fil-pussess ma tistax tithallat ma' azzjoni petitorja ; (ii) l-attrici Giuseppa Magro ma ghandha l-ebda interess guridiku sabiex tipproponi t-talbiet attrici ;

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-azzjoni mhijiex proponibbli stante li l-atturi ma ssodisfawx id-dispozizzjonijiet tal-Att dwar Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti billi qabel xejn kellhom jaraw li ssir dikjarazzjoni *causa mortis* tal-eredita ta' Emanuel Magro ;

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-azzjoni giet postulata b'mod skorrett meta ddahhlu konjugi tal-eredi li mghandhom x'jaqsmu xejn mal-eredita ;

4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-azzjoni ghall-imissjoni fil-pussess hija perenta stante li ghaddew aktar minn ghaxar snin mill-apertura tas-successjoni tal-mejjet Emanuel Magro ;

5. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talba ghall-imissjoni fil-pussess hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan kif se jigi ppruvat fil-mori tal-kawza ;

6. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi r-raba, il-hames, is-sitt u s-seba' talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif se jigi ppruvat fil-mori tal-kawza ;

7. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi in kwantu l-azzjoni attrici giet diretta inutilment ukoll kontra konvenuti ohra u cjoe, l-konvenuti li qeghdin jitharrku "ghal kull interess li jista' jkollhom'' liema pass sar biss sabiex jizdiedu l-ispejjez u ghalhekk fi kwalsiasi eventwalita l-esponenti ma jistghux jigu kkundannati jhallsu spejjez taghhom ;

8. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-azzjoni hi intempestiva stante li ma gietx preceduta minn interpellazzjoni gudizzjarja u ghalhekk fi kwalsiasi eventwalita l-esponenti m'ghandhomx jigu kkundannati jhallsu spejjez ;

9. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.'

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenuti l-ohra kollha a fol. 52 tal-process li tghid kif isegwi:

'Li biha qed jammettu t-talbiet li ressqu r-rikorrenti ohthom Angela Magro u ommhom Giuseppa Magro u dan fis-sens hawn taht spjegat:

(1) ghal dak li jirrigwarda l-ewwel, t-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti - dawn huma unikament indirizzati lill-intimat Angelo Magro stante li huwa l-uniku wiehed mill-ahwa Magro, cioe minn hut ir-rikorrenti Angela Magro, li qieghed jirrifjuta li jimmetti fil-pussess lir-rikorrenti Angela Magro tal-legat imholli lilha minn missierha. Fil-fatt l-esponenti immettew lir-rikorrenti Angela Magro fil-pussess ta' l-imsemmi legat permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor William Azzopardi tat-tmientax (18) ta' Novembru tas- sena elfejn u hdax (2011);

(2) ghal dak li jirrigwarda r-raba talba tar-rikorrenti - l- esponenti jaqblu u jaccettaw illi l-partijiet mir-razzett u l- kamra tal-annimali li tissemma f'din it-talba u fil-premessi tar-rikors guramentat fil-fatt jappartjenu lil ohthom ir- rikorrenti Angela Magro bi dritt ta' uzufrutt favur ommhom ir-rikorrenti l-ohra

Giuseppa Magro. L-esponenti flimkien mal-intimati Angelo u Salvina Magro huma s-sidien ta' raba u kmamar li jinsabu adjacenti ghar-razzett u l-kamra tal-annimali imsemmija mir-rikorrenti fir-rikors promotur taghhom izda dawn iz-zewg fondi huma distinti minn xulxin u la l-esponenti u lanqas l-intimati l-ohrajn m'ghandhom l-ebda jedd fuq l-imsemmi razzett bil-kamra tal-annimali mieghu;

(3) ghal dak li jirrigwarda l-hames, is-sitt u s-seba' talba tar-rikorrenti - dawn huma unikament indirizzati lill-intimati Angelo u martu Salvina Magro stante li l-esponenti jikkonfermaw li kien l-intimat Angelo Magro li llegalment u minnghajr ma kellu ebda dritt wettaq ix-xogholijiet fuq iz-zewg hitan u fuq il-kamra tal-annimali u li ghadda l-*cable* u katusa tad-dawl u l-ilma rispettivament f'bitha li lkoll jiffonnaw parti mill-immobbli proprjeta tar-rikorrenti Angela Magro.

In vista tac-cirkustanzi hawn fuq imsemmija huma m'ghandhomx jigu kkundannati jhallsu l-ebda spejjez relattivi ghal kawza odjerna.'

Rat l-affidavits, xiehda, dikjarazzjoni *causa mortis*, kuntratti, ritratti, site-plan, kontro-ezamijiet, noti ta' sottomissjonijiet, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fis-seduta tas-26 ta' April, 2012 il-Qorti ordnat li l-konvenuti Angelo u Salvina Magro jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet rigward l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba eccezzjonijiet taghhom entro xahar bil-visto tal-kontro-parti li jkollhom xahar zmien biex iressqu s-sottomissjonijiet taghhom fuq l-istess eccezzjonijiet;

Rat in-nota tal-attrici Angela Magro a fol. 65 tal-process li permezz taghha assumiet l-atti tal-kawza minflok ommha stante li din mietet fis-27 ta' Marzu, 2012 u ghalhekk peress li din kienet tgawdi d-dritt ta' uzufrutt fuq il-proprjeta' wara l-mewt taghha sehhet il-konsolidazzjoni bejn id-dritt ta' uzufrutt u n-nuda proprjeta' tal-attrici Angela Magro;

Rat illi fis-seduta tal-25 ta' Gunju, 2012 id-difensur tal-konvenuti rtira t-tieni eccezzjoni u rtira wkoll it-tieni parti tal-ewwel eccezzjoni, cioe' dwar l-interess guridiku ta' Giuseppa Magro;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet fuq l-ewwel erba' eccezzjonijiet tal-konvenuti Angelo u Salvina konjugi Magro;

Rat illi fit-2 ta' Ottubru, 2012 inghatat sentenza fuq l-ewwel erba' eccezzjonijiet a fol. 84 *et seq* tal-process mill-liema jirrizulta li dawk il-parti mill-eccezzjonijiet li kienu ghadhom vigenti mill-ewwel erba' eccezzjonijiet gew michuda;

Rat illi fis-16 ta' April, 2015 sar access mill-Imhallef Mark Chetcuti, id-Deputat Registratur, l-avukati rispettivi tal-partijiet u prezenti kien hemm il-konvenut u l-attrici fejn saru l-konstatazzjonijiet kollha necessarji;

Rat illi fis-seduta tal-21 ta' April, 2015 in segwitu ghall-access il-Qorti awtorizzat lill-attrici sabiex tesebixxi pjanta dettaljata tal-ambjenti kollha mertu tal-kaz u stiednet lil konvenuti sabiex la darba tkun saret din il-pjanta permezz ta' nota jiddikjaraw liema mill-ambjenti m'humiex kontestati u liema huma dawk li jiffurmaw il-kontestazzjoni ghal pretensjonijiet attrici;

Rat illi permezz ta' nota tal-15 ta' Mejju, 2015 gietipprezentata pjanta a fol. 273 tal-process u fis-seduta tas-26 ta' Mejju, 2015 id-difensur tal-atturi ddikjara li l-ambjenti kollha fl-imsemmija pjanta ghall-finijiet ta' prova huma l-ambjenti kollha li l-attrici qed tikkontendi li huma proprjeta' taghha;

Rat illi fis-seduta tas-26 ta' Mejju, 2015 il-Qorti tat gimghatejn zmien biex b'nota l-konvenuti Angelo u Salvina Magro jesebixxu kopja tal-ambjenti gja esebita u fuqha jindikaw b'numri liema huma l-ambjenti li jikkontendu li huma taghhom u rat in-nota ntavolata fid-19 ta' Gunju, 2015 fejn maghha giet esebita l-pjanta a fol. 276 tal-process u fejn l-ambjenti li fuqhom m'hemmx kontestazzjoni gew indikati bil-kulur orangjo;

Rat illi fil-verbal tat-3 ta' Marzu, 2016 il-Qorti rriferiet ghad-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-14 ta' Jannar, 2016 kawza numru 29/2010 u waqfet milli tkompli tiehu konjizzjoni tal-kawza kif preseduta u bghatet l-atti lir-Registratur tal-Qorti sabiex jintbghatu quddiem il-Qorti preseduta mill-Imhallef Lorraine Schembri Orland;

Rat illi fit-22 ta' Marzu, 2016 il-Qorti kif diverament preseduta ffissat access fil-prezenza tal-partijiet u d-difensuri taghhom u rat illi sar l-access fil-21 ta' April, 2016 a fol. 327 tal-process fejn prezenti kien hemm ukoll il-Perit Valerio Schembri li kien nominat fil-kawza tad-divizjoni;

Rat ukoll illi fl-access tal-21 ta' April, 2016 a fol. 329 *et seq* tal-process il-Qorti hatret lil Perit Valerio Schembri ghal fini tal-kawza tal-legat sabiex jistabbilixxi rigward it-tlett ambjenti li

huma in kontestazzjoni li jifformaw parti mill-farmhouse, li huwa mertu tal-legat skont il-kuntratt tal-akkwist, bil-fakulta' li jiehu konjizzjoni tal-provi prodotti ai fini tad-deskrizzjoni u awtorizzat lil Perit li jigbor l-aerial photos jew pjanti necessarji sabiex jespleta l-inkarigu tieghu. Rat izda li fil-verbal tal-10 ta' Dicembru, 2019 gie kjarifikat li l-Perit Valerio Schembri kien qed jespleta l-inkarigu tieghu fl-atti tal-kawza 29/2010 u mhux f'dik odjerna.

Rat ir-rikors ta' Angela Magro, Graziella Magro, Annalise Magro u Christopher Magro intavolat nhar is-26 ta' Gunju, 2017 a fol. 388 *et seq* tal-process fejn talbu li ai termini tal-Artikolu 810A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jigu awtorizzati jassumu l-atti tal-kawza odjerna flimkien ma' l-attrici Angela Magro stante li t-talbiet attrici jolqtu l-interessi taghhom bhala sidien godda tal-partijiet minnhom akkwistati, rat it-trattazzjoni li saret tar-rikors u r-risposta u rat id-digriet tat-3 ta' Jannar, 2018 a fol. 421 *et seq* tal-process fejn il-Qorti laqghet it-talba fit-termini tal-Artikolu 810A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rikors tal-konvenut Angelo Magro ntavolat nhar it-23 ta' Novembru, 2018 fejn talab lill-Qorti kif diversament preseduta sabiex tawtorizzah li ssir mistoqsija lil Angelo Magro fis-seduta li jmiss, rat ir-risposta tal-atturi ntavolata fid-9 ta' Jannar, 2019 u d-digriet tat-18 ta' Frar, 2019 a fol. 464 tal-process li permezz tieghu cahdet it-talba tal-konvenut;

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' April, 2019 il-Qorti awtorizzat lill-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet;

Rat illi wara rikors tal-atturi Graziella Magro, Annalise Magro u Christopher Magro tat-18 ta' Gunju, 2019 il-Qorti kif diversament

preseduta ssospendiet t-terminu ghall-prezentata tan-noti ta' sottomissjonijiet sabiex il-kawza tkompli tigi stradata;

Rat ir-rikors ghal legittimazzjoni tal-atti tat-12 ta' April, 2019 a fol. 479 *et seq* tal-process maghmul minn Grezzju Magro, Anthony sive Ninu Magro, George Magro, Emanuel Magro, Joseph Magro, Salvatore Magro, Michelina sive Lina armla minn Andrew Cuschieri, Domenica mart Saverio Pulis u Mary mart Alfred Darmanin u rat id-digriet tas-27 ta' Awwissu, 2019 a fol. 494 *et seq* tal-process fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Lulju, 2019 Dr Jacqueline Grech talbet li l-kawza tigi rimessa quddiem l-Onorabbli Imhallef Mark Chetcuti li kien diga beda jismaha qabel ma ngabet quddiem din il-Qorti u rat id-digriet tal-Qorti tat-13 ta' Awwissu, 2019 a fol. 476 *et seq* tal-process fejn permezz tieghu l-Qorti cahdet it-talba;

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Dicembru, 2019 il-partijiet infurmaw lil Qorti kif preseduta li stante li l-kawza bir-rikors guramentat numru 29/2010 hemm proprjeta' li l-ezitu taghha jiddependi fuq id-decizjoni fil-kawza odjerna bir-rikors guramentat numru 186/2012 u ghalhekk li 29/2010 qed tistenna l-ezitu tal-kawza odjerna;

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Jannar, 2020 il-Qorti kif preseduta ghamlet access fuq il-post fejn il-Qorti hadet konjizzjoni tal-ambjenti in kontestazzjoni bejn il-partijiet;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet li wkoll giet traskritta;

Rat illi fil-verbal tat-3 ta' Lulju, 2020 il-kawza gie differit ghal-lum ghad-decizjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi l-atturi originali fil-kawza odjerna huma bint Emanuel Magro u cioe' Angela Magro u l-omm mart il-mejjet Emanuel Magro u cioe' Giuseppa Magro. L-attrici Angela Magro titlob li l-intimat huha Angelo Magro bhala werriet ta' missieru Emanuel Magro jimittiha fil-pusses tal-legat mholli lilha mill-missier Emanuel Magro bit-testment *unica charta* tat-13 ta' Marzu, 1986 fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza. Mill-banda l-ohra, l-atturi flimkien qed jitolbu li jigi dikjarat li dawk il-partijiet mir-razzett u l-kamra ta' l-annimali li l-intimat Angelo Magro allegatament usurpa favur tieghu certu drittijiet, jappartjenu lil Angela Magro bid-dritt ta' uzufrutt favur ommha l-attrici Giuseppa Magro li mietet fil-parti inzijali tal-mori tal-kawza. Ghandu jinghad ukoll li Angela Magro mietet lejn l-ahhar ta' dawn il-proceduri u saret id-debita legittimazzjoni tal-atti.

L-atturi talbu wkoll permezz tal-kawza odjerna li jigi dikjarat li l-intimat wettaq xoghlijiet fuq zewg hitan u fuq il-kamra ta' l-annimali u ghadda cable u katusa tad-dawl u tal-ilma minn gol-proprjeta' tar-rikorrenti b'dan li allegatament qieghed jokkupa partijiet mil-proprjeta' llegalment u abbuzivament u ghalhekk konsegwentement talbu li jigi kkundannat a spejjez tieghu u taht supervizjoni ta' Perit mahtur mill-Qorti sabiex jirripristina s-sitwazzjoni fl-istat prevalenti qabel ma saru x-xoghlijiet in

kwistjoni u fin-nuqqas li jaghmel dan r-rikorrenti jigu awtorizzati jaghmlu huma stess ix-xoghlijiet necessarji a spejjez unikament tal-konvenut. L-intimati l-ohra kollha huma wkoll ulied l-attrici Giuseppa Magro u hut Angela Magro liema intimati izda mhux qed jikkontestaw il-pretensjonijiet tal-atturi anzi pprezentaw nota ta' ammissjoni (ara fol. 52) kif deskritt aktar il' quddiem.

Illi fl-eccezzjonijiet moghtija mill-intimati Angelo u martu Salvina konjugi Magro preliminarjament eccepew in-nullita tal-kawza stante li (i) azzjoni ghal immissjoni ma tistax tithallat ma' azzjoni petitorja, u (ii) l-attrici Giuseppa Magro m'ghandha l-ebda interess guridiku sabiex tipproponi t-talbiet attrici. Eccepew ukoll li l-azzjoni mhijiex proponibbli stante li l-atturi ma ssodisfawx id-disposizzjonijiet tal-Att dwar Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti fir-rigward l-eredita' ta' Emanuel Magro. L-intimati sostnew li l-azzjoni giet ukoll postulata skorrettament stante li ddahhlu l-konjugi tal-eredi li m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-eredita' u eccepew li l-azzjoni ghall-immissjoni fil-pussess hija perenta stante li ghaddew aktar minn ghaxar (10) snin mill-apertura tas-successjoni tal-mejjet Emanuel Magro. Di piu' eccepew li t-talba ghall-immissjoni fil-pussess kif ukoll ir-raba, il-hames, is-sitt u s-seba' talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. L-intimati sahqu li nkwantu l-azzjoni hija diretta kontra l-konvenuti l-ohra 'ghal kull interess li jista' jkollhom' saret biss sabiex jizdiedu l-ispejjez u ghalhekk l-esponenti ma jistghux jigu kkundannati jhallsu l-ispejjez taghhom. Finalment eccepew li l-azzjoni hija ntempestiva stante li ma gietx preceduta minn interpellazzjoni gudizzjarja u ghalhekk l-intimati m'ghandhomx jigu kkundannati jhallsu spejjez.

Illi l-intimati l-ohra  cioe' George u martu Grace Magro, Emanuel u martu Mary Magro, Giuseppe u martu Rita Magro, u Salvatore u martu Doris Magro li lkoll jigu hut l-attrici Angela Magro u wlied l-attrici Giuseppa Magro, flimkien man-nisa taghhom tharrku ghal kull interess li jista' jkollhom. Il-konvenuti appena msemmija ntavolaw nota ta' ammissjoni nhar is-26 ta' Marzu, 2012 li biha ammettew t-talbiet tal-atturi u dan fis-sens li gej. Fir-rigward l-ewwel tlett (3) talbiet sostnew li dawn huma ndirizzati lejn l-intimat Angelo Magro stante li huwa l-uniku eredi li rrifjuta li jimmitti fil-pussess lill-attrici Angela Magro. Fir-rigward ir-raba talba qablu u accettaw li l-partijiet mir-razzett u mill-kamra ta' l-annimali jappartjenu lill-attrici Angela Magro bi dritt ta' uzufrutt ta' l-attrici Giuseppa Magro. Finalment fir-rigward il-hames, is-sitt u s-seba' talba rritenew li dawn huma unikament indirizzati lejn l-intimati Angelo u Salvina konjugi Magro peress li kien l-intimat Angelo Magro li llegalment u minghajr dritt wettaq xoghlijiet fuq iz-zewg hitan u fuq il-kamra ta' l-annimali u ghadda cable u katusa tal-ilma u tad-dawl mill-bitha formanti parti mill-proprjeta' tal-attrici Angela Magro.

Jirrizulta li fil-25 ta' Gunju, 2012 id-difensur tal-konvenuti Angelo u Salvina konjugi Magro rtira t-tieni eccezzjoni, kif ukoll it-tieni parti tal-ewwel eccezzjoni dwar l-interess guridiku ta' Giuseppa Magro. Sussegwentement fit-2 ta' Ottubru, 2012 inghatat decizjoni fuq l-ewwel parti tal-ewwel eccezzjoni dwar l-improponibilita' tal-azzjoni ghall-immissjoni fil-pussess ta' legat ma' azzjoni *rei vindicatoria*, dwar r-raba eccezzjoni li l-azzjoni ghall-immissjoni fil-pussess hi perenta ghaliex ghaddew aktar minn ghaxar (10) snin mill-apertura tas-successjoni tal-mewt ta' Emanuel Magro. Kif ukoll, dwar it-tielet eccezzjoni u cioe' li l-azzjoni ma messiex saret kontra l-konjugi tal-eredi. Il-Qorti kif diversament preseduta

cahdet ghalhekk mill-ewwel sar-raba eccezzjoni bl-ispejjez kontra taghhom b'dan li l-eccezzjonijiet li baqghu vigenti kienu biss dawk fil-mertu.

**<u>Fatti:</u>**

Illi mill-atti jirrizulta li l-missier Emanuel Magro miet fis-26 ta' Frar, 1995 (ara certifikat tal-mewt a fol. 20 tal-process) u kien irregola l-wirt u successjoni tieghu permezz ta' testment *unica charta* datat 13 ta' Marzu, 1986 fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza (ara kopja tat-testment a fol. 21 *et seq* tal-process). Permezz tal-imsemmi testment huwa kien halla b'titolu ta' legat in assoluta u piena proprjeta' lil bintu Angela Magro s-sehem tieghu konsistenti f'nofs indiviz mis-segwenti:

> '…mid-dar numru wiehed Saint Leonard's Road, limiti tax-Xaqqa, Haz-Zabbar. Din id-dar tikkonsisti fil-post il-qadim u fil-post ta' hdejh li tidhol ghalih mix-xatba u li ghandu tlett ikmamar, u eskluzi minnu t-tlett garages u tlett imqajjel li huma ta' proprieta' tat-tfal, u li jaghmlu mar-raba li hija wkoll proprjeta tat-tfal, kif ukoll dak kollu illi jinsab fl-imsemmi stabili mhollija b'dan il-prelegat mill-ghatba 'l gewwa, eskluzi flus kontanti, titoli u dokumenti ohra, rappresentanti flus, u oggetti tad-deheb u hagar fin.'

Illi dan il-legat kien thalla lil Angela Magro bhala kumpens ghal dak li l-istess bintu ghamlet mat-testatur u ma' martu u obbliga lil Angelo Magro tibqa' tippresta l-kuri, servigi u assistenzi sal-mewt taghhom.

Illi sussegwentement permezz ta' kuntratt tat-8 ta' Frar, 2010 fl-atti tan-Nutar Dottor William Azzopardi, l-attrici Giuseppa Magro kienet tat u kkoncediet lil bintha Angela Magro b'titolu ta' donazzjoni n-nofs indiviz taghha mill-fond bin-numru wiehed (1) fi Triq tax-Xjakka, f'Haz-Zabbar li ghandu bieb iehor ukoll bin-numru wiehed kantuniera ma' Triq tax-Xjakka (ara kuntratt ta' donazzjoni a fol. 31 *et seq* tal-process). F'dan il-kuntratt issemma l-indirizz tal-fond u li l-fond ghandu zewg bibien ghat-triq izda ma nghatatx deskrizzjoni tal-ambjenti.

Fit-18 ta' Novembru, 2011 permezz ta' kuntratt ta' immissjoni fil-pussess fl-atti tan-Nutar William Azzopardi l-ahwa kollha, eskluz l-intimat Angelo Magro, iffirmaw l-immissjoni fil-pussess favur l-attrici Angela Magro (ara kuntratt a fol. 34 tal-process). F'dan il-kuntratt il-fond gie deskritt biss bhala l-fond numru wiehed, Triq San Anard, Zabbar.

Jirrizulta li da parti tal-intimat Angelo Magro huwa ma resaqx ghall-iffirmar tal-kuntratt ta' immissjoni fil-pussess ghaliex ma kienx qed jaqbel ma' liema ambjenti mir-razzett u r-raba ta' madwaru kienu inkluzi fil-legat li thalla lil Angela Magro. Kien ghalhekk li l-attrici fil-21 ta' Frar, 2012 fethet il-kawza odjerna fejn fost affarijiet ohra talbet lill-Qorti li l-intimat Angelo Magro jigi ordnat jimmittiha fil-pussess u jirripristina l-istat tar-razzett fl-istat li kien qabel ma saru x-xoghlijiet mill-intimat Angelo Magro.

Jirrizulta mill-attur li fis-27 ta' Marzu, 2012 mietet l-attrici Giuseppa Magro (ara certifikat tal-mewt a fol. 66 tal-process) u permezz ta' nota ntavolata fis-17 ta' Mejju, 2012 l-attrici Angela Magro assumiet l-atti tal-kawza minflok ommha peress li sehhet

il-konsolidazzjoni bejn id-dritt ta' uzufrutt u n-nuda proprjeta' tal-attrici Angela Magro.

Jirrizulta wkoll li fil-mori tal-kawza, l-attrici Angela Magro bieghet il-maggorparti tal-immobbli mertu tal-kawza odjerna lil Graziella Magro, Annalise Magro u Christopher Magro permezz ta' kuntratt tal-25 ta' April, 2017 fl-atti tan-Nutar Ritienne Bugeja Fenech (ara kuntratt a fol. 391 *et seq* tal-process). Permezz ta' digriet tat-3 ta' Jannar, 2018 moghti wara rikors, il-Qorti kif diversament preseduta laqghet it-talba sabiex fit-termini tal-Artikolu 810A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta Graziella Magro, Annalise Magro u Christopher Magro jassumu l-atti tal-kawza odjerna flimkien mal-attrici Angela Magro. Ghandu jinghad izda li dak li gie mibjugh lil Graziella Magro, Annalise Magro u Christopher Magro huma effettivament l-ambjenti li ma kienux in kontestazzjoni bejn il-partijiet originali u dan skont il-pjanta a fol. 276 tal-process esebita mill-istess intimat fejn jindika bil-kulur orangjo l-ambjenti li ma kienx qed jikkontesta u li jaqbel li huma tal-attrici.

Illi fid-9 ta' Jannar, 2019 mietet l-attrici Angela Magro (ara certifikat tal-mewt a fol. 481 tal-process) u permezz ta' digriet tas-27 ta' Awwissu, 2019 saret il-legittimazzjoni tal-atti ghal fuq Grezzju Magro, Anthony sive Ninu Magro, George Magro, Emanuel Magro, Joseph Magro, Salvatore Magro, Michelina sive Lina armla minn Andrew Cuschieri, Domenica mart Saverio Pulis u Mary mart Alfred Darmanin.

**<u>Konsiderazzjonijiet Legali u Fattwali:</u>**

Illi principalment l-azzjoni odjerna titratta l-immissjoni fil-pussess mill-intimat Angelo Magro favur l-attrici Angela Magro ta' dar bin-numru wiehed (1) fi Triq ta' Xjakka, limiti tax-Xaqqa, Haz-Zabbar imholliha lilha fin-nofs taghha minn missierha Emanuel Magro bit-testment *unica charta* tat-13 ta' Marzu, 1986 (ara kopja tat-testment a fol. 21 *et seq* tal-process) u n-nofs l-iehor gie donat lilha minn ommha l-attrici.

L-azzjoni odjerna hija wkoll wahda *rei vindicatoria* u dan stante li l-intimat Angelo Magro mhux jaqbel mal-ambjenti li jiffurmaw parti mill-legat. Jinsisti li whud mill-kmamar (kamra tal-annimali maghrufa wkoll bhala l-kamra tal-inbid, bieb u parti minn sqaq, remissa u bitha huma proprjeta' tieghu stante li skont hu messu lilu u lil hutu mill-qasma ta' raba li kienet inxtrat permezz ta' kuntratt datat 24 ta' Awwissu, 1984 (kuntratt a fol. 8 *et seq* tal-process) b'dan li m'ghandhomx jigu mmessi fil-pussess tal-attrici Angela Magro. L-ambjenti in kontestazzjoni huma dawk li jidhru fil-pjanta a fol. 276 mhux imberfla bil-kulur orangjo b'dan li:

(i) l-kamra tal-annimali / nbid hija dik immarkata bl-ittra Y,
(ii) il-bieb u l-isqaq huma dawk li jidhru fil-genb tal-ambjent immarkat bl-ittra Y 1 u li jwasslu sal-bieb fl-estremita tal-pjanta fuq ix-xellug tal-pjanta;
(iii) ir-remissa hija dik indikata bhala Y 1;
(iv) il-bitha hija dak il-pavimentar li jibda mill-kamra li taqsam minn binja ghall-ohra Z u li jasal sal-kantuniera tal-ambjent immarkat 'Third party'.

L-atturi jsostnu wkoll li l-intimat Angelo Magro minghajr awtorizzazzjoni wettaq xoghlijiet allegatament fil-proprjeta' ta' l-attrici Angela Magro konsistenti:

(i) fid-demolizzjoni ta' zewg hitan li kienu jifirdu r-razzett mir-raba liema hitan mill-provi jirrizulta li kienu ttellghu minn uhud mill-intimati l-ohra fuq talba tal-attrici Angela Malgro:
a) wiehed li jaghlaq dik il-parti msejjha bhala il-bieb u l-isqaq u li fuq il-pjanta a fol. 276 jista jinghad li kien mill-kantuniera tal-ambjent immarkat Y1 li jmiss mal-pavimentar dritt mal-istess pavimentar ghal mal-bieb li jaghti mat-triq kif jidher fl-estremita tal-pjanta fuq ix-xellug,
b) l-iehor biex jaghlaq iz-zona pavimentata l-ohra fl-istess pjanta li tibda minn fejn dak li hu indikata bhala 'well' mill-bqija tal-ambjenti barra l-kantuniera ta' dik il-parti immarkata bhala 'third party';

(ii) demolizzjoni tal-kamra ta' l-annimali jew tal-inbid (immarkata fuq il-pjanta a fol. 276 bl-ittra Y biex inbniet ohra ta daqs akbar (kif jirrizulta mill-provi) flokha;

(iii)kif ukoll ghadda cable u katusa tad-dawl u ta' l-ilma mill-bitha f'dik il-parti li hija mmarkata bhala 'well' fil-pjanta a fol. 276 u dan dejjem skont l-atturi stante li l-ambjenti ndikati lintimat ghamilhom tieghu.

Illi ghalhekk jirrizulta li din il-Qorti ma tistax tghaddi sabiex tilqa' t-talba ghall-immissjoni fil-pussess tal-legat lill-attrici Angela Magro qabel ma jigi stabbilit ezattament x'jifforma parti mill-legat. Il-Qorti ghalhekk ser tibda billi tinvestiga l-*actio rei vindicatoria* u jkun biss sussegwentement fuq ir-rizultanzi, li l-Qorti tghaddi sabiex tiddeciedi dwar it-talba ghall-immissjoni fil-pussess tal-legat lill-attrici Angela Magro.

Illi din il-Qorti tibda billi taghmel referenza ghad-decizjoni moghtija ricentement fis-27 ta' Marzu, 2020 mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Emanuel Cauchi -vs- George Grech et** fejn dwar l-*actio rei vindicatoria* inghad illi:

'9. Fl-ewwel lok din il-Qorti thoss li għandu raġun il-konvenut ghandu ragun jilmenta li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta iriteniet li ladarba huwa fl-eċċezzjonijiet tiegħu ivvanta titolu fuq l-art inkwistjoni, allura sta għalih (il-konvenut) fl-ewwel lok li jipprova t-titolu tiegħu. Il-ġurisprudenza nostrana adirittura tgħallem il-kontra ta' dak li rriteniet l-ewwel Qorti. Huwa dejjem l-attur li fl-ewwel lok irid jipprova t-titolu tiegħu, kemm jekk il-konvenut possessur ikun iddefenda ruħu bil-pussess, u kemm jekk ikun invoka t-titolu fuq l-art mertu tal-azzjoni. Din il-qorti fil-fatt tagħmel riferenza għas-segwenti insenjament tal-qrati tagħna:

- L-attur f'kawża rivendikatorja jrid jipprova d-dritt tiegħu ta' proprjeta` fuq il-ħaġa rivendikata u tali prova trid tkun kompleta u konklussiva, b'mod li kwalunkwe dubju, anke l-iċken, imur favur il-konvenut possessur.[1]

- Min jitlob ir-rivendikazzjoni ta' immobbli għandu d-dover li qabel xejn jipprova l-proprjeta` tiegħu. Il-konvenut f'din l-azzjoni ma għandux għalfejn jiftaħ ħalqu sakemm issir il-prova u jekk dik il-prova ma ssirx huwa għandu jirbaħ il-kawża......Jekk lill-Qorti jidher li hemm l-inqas dubju dwar il-proprjeta` tar-rivendikant, hija għandha ssostni lill-

[1] **Mario Galea Testaferrata et v. Giuseppi Said et** (Q. App. 1 ta' Lulju 2005)

possessur.[2]

- Darba li l-attur jipprova t-titolu tieghu, spetta lill-konvenut jipprova xi titolu ahjar. Ladarba l-attur jissodisfa l-piż tal-prova billi juri t-titolu tiegħu, jinkombi lill-konvenut li jikkontrapponi, permezz ta' provi ċari, uniċi u indubbi, it-titolu proprju.[3]

- Meta jissussisti xi dubju dwar it-titolu reklamat mill-attur, il-qorti ma jinħtiġilhiex tidħol fl-eżami tal-allegat titolu tal-konvenut għaliex f'dik l-eventwalita` xejn ma jkun ifisser li l-konvenut ma jipprova bl-ebda mod la t-titolu, la bil-preskrizzjoni u lanqas mod ieħor li hu l-proprjetarju. Una volta dubju dwar it-titolu tal-attur ma jeżistix, jikombi fuq il-konvenut li jaddotta linja difensjonali adegwata u b'saħħitha biex jinnewtralizza t-titolu pruvat tal-atturi rivendikanti billi jopponi għalih b'titolu b'saħħtu u ċert.[4]

- Jekk l-attur ma jippruvax it-titolu tiegħu m'hemmx lok li l-qorti tgħaddi biex teżamina l-provi tal-konvenut li hu jkun ressaq biex jipprova t-titolu tiegħu.[5]

10. L-ewwel Qorti naqset għal kollox milli teżamina t-titolu vantat mill-attur. Hija eżaminat it-titolu vantat mill-konvenut, dehrilha li dan ma ġiex pruvat u għalhekk awtomatikament u konsegwentement ikkonkludiet li l-attur ipprova t-titolu tiegħu! Dan huwa skorrett għall-aħħar u

---

[2] **Perit Carmelo Falzon v. Alfred Curmi** (Prim' Awla, 5 ta' Ottubru 1995)

[3] **Cassar noe v. Barbara et** (Q. App. –Sede Kumm.- 7 ta' Ottubru 1980)

[4] **Nancy Mangion et v. Albert Bezzina Wettinger** (Q. App. 5 ta' Ottubru 2001)

[5] **Norbert Agius v. Anthony Vella et** (Q. App. 25 ta' April 2008)

għalhekk l-ewwel aggravju tal-konvenut huwa ampjament fondat.'

Illi l-Qorti kif diversament preseduta fis-seduta tal-21 ta' April, 2015 awtorizzat lill-attrici sabiex tesebixxi pjanta dettaljata tal-ambjenti kollha li hija tikkunsidra li huma proprjeta' taghha, u sussegwentement il-konvenuti kellhom jiddikjaraw liema ambjenti mhumiex kontestati u liema huma kontestati.

Illi a fol. 273 tal-process giet ipprezentata l-pjanta da parte tal-attrici Angela Magro, pjanta dettaljata ta' l-ambjenti kollha li tikkunsidra li huma proprjeta' taghha derivanti mill-legat imholli lilha minn missierha Emanuel Magro.

Illi kif gia suespost a fol. 276 tal-process giet prezentata l-istess pjanta mill-konvenut Angelo Magro fejn fuq l-istess huwa mmarka bil-kulur orangjo dawk l-ambjenti li skontu jiffurmaw parti mill-legat imholli lill-attrici Angela Magro minn missierha Emanuel Magro. Il-parti li ma gietx immarkata bl-orangjo kif gia inghad hija dik il-parti in kontestazzjoni u ghalhekk skont l-intimat Angelo Magro eskluza mill-legat imholli lill-attrici minn missierha Emanuel Magro.

Jikkonsegwi li l-kontestazzjoni hija fuq is-segwenti:

i. bitha li fiha bir u li minnha l-konvenut Angelo Magro ghadda cable u katusa tad-dawl u tal-ilma (ara ritratti a fol. 105 tal-process immarkati bhala DokAM21 u AM22);

ii. kamra ta' l-annimali, drabi ohra msejha tal-inbid (ara ritratti a fol. 105 tal-process immarkat bhala DokAM27 u AM28);

iii. remissa li saru xi modifiki zghar fiha billi fl-antik kellha l-fetha taghha forma ta' hnejja (ara ritratt a fol. 105 tal-process immarkat bhala Dok AM13 li giet indikata bl-istrixxi suwed); u

iv. bieb li wkoll igib in-numru wiehed (1) li hu kantuniera mal-main road Triq tax-Xjakka flimkien ma' parti mill-isqaq (ara ritratti a fol. 105 tal-process immarkat bhala Dok AM14 – li jindika l-bieb minn barra ndikat bl-istrixxi suwed u AM16 – li jindika l-isqaq li l-konvenut jinsisti li parti minnu ma jiffurmax parti mill-legat) u l-passagg ta' quddiemu sal-genb kollu tar-remissa.

Illi l-attrici Angela Magro flimkien mar-rikors guramentat taghha pprezentat kopji ta' zewg kuntratti li jirrapprezentaw is-segwenti:

1. Kuntratt ta' xiri datat 24 ta' Awwissu, 1984 fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza fejn permezz tieghu Emanuel Magro (missier l-attrici) xtara u akkwista l-fond mertu tal-kawza odjerna (ara kuntratt a fol. 36 *et seq* tal-process). Id-deskrizzjoni tal-fond mixtri minn Emanuel Magro hija s-segwenti:

   '…ir-razzett li jgib in-numru wiehed (1) fi Triq tax-Xjakka, Haz-Zabbar li jikkonsisti f'entrata mghottija, b'bieb li jghati ghar-raba u bieb iehor li jgib in-numru wiehed (1) ghat-triq ; hemm kamra fuq ix-xellug tal-istess entrata, kamra ohra tmiss maghha b'bieb ghall-istess raba u tarag ghal-pjan ta' fuq ; kamra ohra tmiss ma' ta' qabel b'bieb ghall-bitha fil-fond, fejn tezisti kamra ohra ; kamra ohra quddiem il-bitha u kamra ohra li tmiss maghha. Fil-pjan ta' fuq hemm kamra fuq l-entrata b'tieqa ghat-triq u b'tieqa ohra ghar-raba, logga

fl-ispazju ta' quddiem it-tarag b'bieb ghall-bejt. It-tarag iwassal ghal-kamra ohra li tinsab fuq il-kmamar ta' fuq l-entrata u dik laterali. Hemm ukoll kamra tal-annimali li tinsab fir-raba ta' wara r-razzett. Dan ir-razzett bil-kamra, jidher immarkat bl-ahmar fuq il-pjanta annessa ma' dan il-kuntratt ghar-registrazzjoni.'

2. Kuntratt ta' xiri datat 24 ta' Awwissu, 1984 fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza fejn permezz tieghu George, Angelo, Emanuel, Giuseppe u Salvatore ahwa Magro, ilkoll ulied Emanuel Magro u Giuseppa Magro xtraw u akkwistaw fi kwota ta' kwinta parti (1/5) indiviza kull wiehed ir-raba li jigi adjacenti ghar-razzett/dar mertu tal-kawza odjerna. Id-deskrizzjoni tal-fond mixtri mill-ahwa Magro hija s-segwenti:

   '…ir-raba fil-limiti ta' Haz-Zabbar kontrada ta' Xjakka, msejjah 'ta' Ghadajna' li tikkonsisti fi tmien hbula f'livelli differenti, mtargin b'kejl superficjali ta' disghat itmiem, hames sieghan u tlett kejliet, ossia hdax-il elf mija u ghaxra punt disgha metri kwadri (11110.9m$^2$) jikkonfina mil-Lvant in parti ma' Triq ix-Xjakka u parti ma' raba jinhadem minn Frenc tal-Kus, min-Nofsinhar mat-Triq ix-Xjakka, mill-Punent parti ma' raba jinhadem minn Leli Buhagiar tal-frawli u parti ma' raba tal-kompraturi, mill-Majjistral ma' raba tal-istess kompraturi u mit-Tramuntana ma' raba mahdum minn Mikiel ta' Melhu. Dan ir-raba hu kollu saqwi, b'gibja b'zewg bokok, bid-dritt li tircievi l-ilma minn taht proprjeta' ta' haddiehor li tinsab aktar 'l fuq, b'kamra zghira fit-tieni habel u fit-tmien habel hemm ukoll bir u erba' kmamar u zewg garages mibnija f'dawn l-ahhar snin. Dan

> ir-raba hu markat bl-ahmar fuq il-pjanta anness ma' dan l-att ghar-registrazzjoni, markata dokument bl-ittra 'A'.'

Illi l-konvenut tul il-kors tal-kawza u fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jargumenta li l-partijiet in kontestazzjoni m'humiex tal-attrici stante li dawn gew mixtrija minnu u minn hutu bil-kuntratt ta' xiri tal-24 ta' Awwissu, 1984 fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza (kuntratt a fol. 8 *et seq* tal-process).

**<u>Bieb numru wiehed (1) u sqaq:</u>**

Mill-atti jirrizulta li r-razzett li jgib in-numru wiehed (1) fi Triq tax-Xjakka, Haz-Zabbar ghandu zewg bibien ghat-triq u cioe' dak li jidher fir-ritratti a fol. 105 tal-process immarkati bhala Dok AM3 u AM4, u dak li jidher fir-ritratt a fol. 105 tal-process immarkat bhala Dok AM1 (liema bieb gie ndikat bl-istrixxi suwed). Fil-fatt fid-deskrizzjoni tal-kuntratt ta' xiri ta' Emanuel Magro tal-24 ta' Awwissu, 1984 (a fol. 36 *et seq* tal-process) jghid li l-fond jikkonsisti '*f'entrata mghottija, b'bieb li jghati ghar-raba u bieb iehor li jgib in-numru wiehed (1) ghat-triq ;*'.

Jirrizulta li originarjament il-bieb li kien igib in-numru wiehed kien dak indikat fir-ritratt a fol. 105 tal-process immarkat bhala Dok AM1. Dan il-bieb kien jaghti ghal go sqaq mhux imsaqqaf li minnu kienu jidhlu u johorgu mir-razzett il-familja Magro, u kienu anke jilqghu lin-nies minnu (ara bieb minn gew u entrata fir-ritratti a fol. 105 tal-process immarkati bhala Dok AM16 u Dok AM17). L-attrici kkonfermat dan fid-deposizzjoni moghtija bil-procedura tal-affidavit a fol. 96 *et seq* tal-process fejn qalet is-segwenti:

> '…Dawn iz-zewg bibien illum it-tnejn igibu n-numru wiehed izda fl-antik in-numru wiehed kien qieghed biss fuq il-bieb li jaghti ghal fuq l-isqaq. Il-bieb li jaghti ghal fuq l-entrata fl-antik kien bieb tqil ta' remissa imma f'xi zmien missieri nehhih u minn floku ghamel bieb izghar. Il-bieb ta' remissa ma kellux numru izda meta missieri nehha dan il-bieb u ghamel bieb izghar huwa wahhal fuqu n-numru wiehed ukoll u r-raguni ghal dan kienet minhabba illi tal-posta kien jitfa l-ittri mill-bieb li jaghti ghal fuq l-isqaq u l-posta kienet tigi ma l-art u meta kienet taghmel ix-xita dawn kienu jixxarbu. Minn flok missieri ghamel letter box wara l-bieb l-iehor li kien jigi ghal gewwa u kien talab lil tal-posta biex jibda jitfa l-ittra f'din il-letter box u ma kienx jkun hemm aktar problemi meta kienet tkun ix-xita.'

Din id-deposizzjoni ta' Angela Magro giet ukoll ikkonfermata minn Joseph Magro (ara affidavit a fol. 111 u fol. 112 tal-process), Emanuel sive Leli Magro (ara affidavit a fol. 113 tal-process), Salvu Magro (ara affidavit a fol. 114 tal-process), Domenica Pulis (ara affidavit a fol. 115 tal-process), Grezzju Magro (ara affidavit a fol. 116 tal-process), George Magro (ara affidavit a fol. 117 tal-process), Anthony Magro (ara affidavit a fol. 118 tal-process) u Mary Darmanin (ara affidavit a fol. 119 tal-process).

Il-fatt li originarjament il-bieb indikat bin-numru wiehed kien il-bieb li kien jaghti ghall-isqaq (ritratt a fol. 105 immarkat bhala AM1) gie wkoll ikkonfermat mill-konvenut Angelo Magro in kontro-ezami fis-seduta tat-2 ta' Lulju, 2015 a fol. 279 *et seq* tal-process fejn qal is-segwenti:

‘Avukat: Il-bieb qed nghidlek insa’ x-xatba issa l-bieb, inti ghadek kemm ghidt jigifieri li tal-posta kien jidhol minn hemmhekk bieb jaghtikom il-posta fejn kontu toqghodu cioe’ r-razzett.

Xhud: Iva.

Qorti: Jigifieri l-letterbox saret..

Xhud: Ma kienx hemm letterbox xejn.

Qorti: U iva imma l-letterbox li kien hemm mad-dar, man-numru one ghamiltuha wara li ghamiltu l-bieb tal-hadid ?

Xhud: T’isfel? Bieb tal-injam ghadu.

Qorti: Il-letterbox li llum hemm man-number one, ta’ fuq, dik saret meta x-xatba ma baqghetx tal-injam imma saret tal-hadid? Ghalhekk saret hekk ?

Xhud: Le mbaghad hi ghamlet letterbox hi, ghamlet in-numru wiehed u tefghatu fuq ta’ fuq.

Qorti: Kien ghad hemm il-bieb tal-injam dak iz-zmien?

Xhud: Iva. Injam mgherri ha nghidlek ta. Imbaghad ghamilnieh wiehed ahdar issa.

Avukat: Mela ha nurik ir-ritratt AM14 biex nikkonfermaw illi dak huwa l-bieb kif inhu llum. Naqblu effettivament illi hemmhekk gieli rreferejtu ghalih bin-numru wiehed ukoll?

Xhud: Le.

Avukat: Le? Allura meta missierek..

Xhud: Imbaghad tela' f'ta fuq, dak inqata mbaghad il-wiehed.

Avukat: Jigifieri kien wiehed qabel u tellajtuh fuq.

Xhud: Tellatu hi fuq. Tellatu hi, ghamlet il-letterbox u qatatu.

Avukat: In-numru wiehed.

Qorti: Qabel il-one hemmhekk kien il-one proprja. Dak huwa l-bieb.

Xhud: Iva hekk konna nsibuh biex ma nifthux bieb, zewg bibien u trid tghaddi mill-kamra tas-sodda.'

Jikkonsegwi ghalhekk li l-bieb u l-isqaq mhux imsaqqaf u cioe' dik il-parti li tidher pavimentata fuq il-pjanta a fol. 276 fil-genb tar-remissa Y1 sal-bieb fuq l-estremita tax-xellug jiffurmaw parti mill-proprjeta' akwistata minn Emanuel Magro bil-kuntratt tal-24 ta' Awwissu, 1984 stante li meta fil-kuntratt saret referenza ghan-numru wiehed effettivament kien qieghed jigi ndikat il-fond b'isqaq mieghu.

Illi xehed ukoll in-Nutar Victor John Bisazza bil-procedura tal-affidavit a fol. 161 tal-process li kien in-nutar li rrediga l-kuntratt

ta' bejgh lura fl-24 ta' Awwissu, 1984. Huwa qal li dak li gie mixtri minn Emanuel Magro ghadda kollu ghand l-attrici Angela Magro permezz tal-legat. Hekk xehed:

> 'Bazikament jirrizulta car illi dak li gie mixtri minn Emanuel Magro permezz ta' l-att tan-1984 gie mholli fit-testment permezz ta' prelegat lill-Angela Magro.'

**<u>Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost il-bieb numru wiehed bl-isqaq b'kollox jiffurmaw parti mill-legat imholli minn Emanuel Magro lill-attrici Angela Magro.</u>**

**<u>Bitha li fiha hemm bir:</u>**

Fir-rigward il-bitha li tidher fir-ritratt a fol. 105 tal-process immarkat bhala Dok AM22 il-konvenut Angelo Magro fid-deposizzjoni tieghu moghtija bil-procedura tal-affidavit a fol. 205 *et seq* tal-process, jiddikjara li hija proprjeta' tieghu derivanti mill-kuntratt ta' xiri ma' hutu tal-24 ta' Awwissu, 1984 (a fol. 8 *et seq* tal-process). Madankollu jigi nnutat li l-konvenut fl-istess nifs jaghti x'jifhem li m'huwiex minnu li l-bitha u l-kamra ta' l-annimali/inbid (li ser tigi trattata aktar l-isfel) giet ghandu mill-kuntratt ta' xiri tal-24 ta' Awwissu, 1984 u l-konsegwenti qasma verbali ma' hutu. Fid-deposizzjoni tieghu jargumenta li l-legat mholli lill-attrici Angela Magro kienet mill-ghatba l-gewwa, u ghalhekk mill-ghatba l-barra kien tieghu, formanti parti mis-seba' u t-tmien habel. Hekk xehed illi:

> '3. Illi min-naha ta' wara tar-razzett, kif anke jidher mit-testment ta' missieri, ohti Angela Magro ghandha mill-ghatba 'l gewwa. Din l-ghatba taghti ghal gewwa bitha, li go

> fiha hemm bir. Hemm ukoll kamra tal-annimali. 'Il barra mill-bitha hemm kamra ohra tal-annimali li fiha ohti Angela Magro kienet tahsel il-hwejjeg b'tolleranza tieghi u ta' huti George, Leli, Joseph u Salvu. Faccata ta' din il-kamra hemm kamra ohra zghira li kienet tintuza' minna ghall-inbid;
>
> 4. Illi l-art mill-ghatba 'il barra, cioe' il-bitha b'dak kollu li hemm fiha kif deskritt fil-paragrafu ta' qabel dan, u anke l-art 'il barra mill-imsemmija bitha, hija kollha proprjeta' tieghi, kif ser jigi hawn spjegat;
>
> 5. Illi permezz ta ' kuntratt datat 24 ta' Awwissu 1984 jiena flimkien ma' huti George, Leli, Joseph u Salvu konna xtrajna minghand Evelyn Montebello porzjon raba fil-limiti ta' Haz Zabbar kontrada ta' Xaqqa li tikkonsisti fi tmien hbula f'livelli differenti (mtargin). Kull wiehed minna kellu kwinta parti (1/5) indiviza. Madwar erbgha u ghoxrin sena ilu jiena u huti qbilna li naqsmu din l-art f'erba' porzjonijiet indaqs kull wiehed jiena, George, Joseph u Salvu, filwaqt li Leli ha porzjon art iehor ftit 'il boghod minn din l-art. Il-parti li tinsab biswit ir-razzett u li hija numerata 7 u 8 hija l-parti li kienet messet lili;'

Illi din il-Qorti assolutament ma taqbilx mal-argument tal-konvenut ta' mill-ghatba l-gewwa u mill-ghatba l-barra. Bid-dovut rispett, l-uzu tal-kliem '*mill-ghatba 'l gewwa*' huwa car u ma jaghti lok ghal ebda tip ta' interpretazzjoni. Fit-testment l-uzu tal-kliem '*mill-ghatba 'l gewwa…*' gie uzat b'referenza ghall-mobbli misjuba fir-razzett eskluz flus kontanti, titoli u dokumenti ohra, rapprezentanti flus, u oggetti tad-deheb u hagar fin u bl-ebda mod ma kien qieghed jirreferi dwar l-istruttura tal-immobbli.

L-attrici fid-deposizzjoni taghha a fol. 96 *et seq* tal-process tispjega kif kienet il-konfigurazzjoni tal-bitha. Tghid li originarjament il-bitha kienet wahda shiha u missierha Emanuel Magro kien ghamel bini li bih ghaqqad il-bini l-qadim ma' l-iehor, biex b'hekk il-bitha nqasmet kif inhi llum. Hekk xehdet:

> 'Fit-tarf tieghu dan il-passgg jiftah ghal fuq bitha (parti minnha tidher fir-ritratt (**AM18**") li qabel kienet tifred ir-razzett f'zewg binjiet separati, tlett ikmamar u maqjel li lkoll imissu ma xulxin fuq in-naha tax-xellug u erba' kmamar ohra fuq in-naha tal-lemin.
>
> Dawn il-kmamar fuq in-naha tal-lemin huma dawn: kamra li semmejt aktar il-fuq li konna nsejhulha l-entrata li ghandha l-bieb li jaghti ghal fuq it-triq kif ukoll bieb iehor li jaghti ghal fuq il-bitha (ritratti mmarkati "**AM21**" u "**AM22**" juru l-bieb li jaghti ghal fuq il-bitha); minnha tidhol ghal kamra fejn kienu jorqdu l-genituri taghna li kienet taghti ghal kamra izghar li ahna konna nsejhulha ta' taht it-tarag u li fl-antik kellha wkoll bieb ghal fuq il-bitha; minn din il-kamra ta' taht it-tarag tghaddi ghal kamra ohra aktar il-gewwa li fiha kienu jorqdu huti s-subien. Din l-ahhar kamra kienet tmiss mal-kamra tat-tigieg. Il-kmamar li hemm fuq in-naha tal-lemin li ghadni kemm semmejt jidhru minn barra, minn naha tat-triq, fir-ritratt "**AM3**"'.

Illi dan gie kkonfermat ukoll mill-konvenut Angelo Magro fid-deposizzjoni tieghu moghtija in kontro-ezami fis-seduta tas-26 ta' Frar, 2015 fejn qal is-segwenti:

> 'Avukat: Naqblu li filfatt in-naha tal-bini li kien fuq it-triq kontu tghidulu l-antik biex nghidulu hekk ir-razzett l-antik u l-kmamar li hemm fuq in-naha l-ohra li jaghtu ghan-naha tar-raba specjalment fejn hemm il-kcina u l-banju kontu tghidulu qisu l-parti l-gdida?
>
> Xhud: Iva
>
> Avukat: Issa naqblu wkoll li f'xi zmien missierek jew missierek qabbad lil xi hadd, ghamiltu kuritur illi ghaqqadtu l-parti l-antika biex nghidulha hekk mal-gdida, jigifieri gie tidhol mill-antik ghal gol-kcina.
>
> Xhud: Iva ghat-tliet ikmamar.
>
> Avukat: Naqblu li meta saret din il-binja fin-nofs, din il-bitha li qabel kienet wahda inqasmet fi tnejn u giet bicca l'isfel u bicca l'fuq, bicca jigifieri li taghti ghal fuq is-sqaq li johrog fit-triq u bicca fejn hemm il-bir.
>
> Xhud: Iva iva.'

Fil-kuntratt, id-deskrizzjoni moghtija tal-bitha hija dik ta' '…*jikkonsisti f'entrata mghottija,* ***b'bieb li jghati ghar-raba***' (enfazi tal-Qorti). Jinsorgi ghalhekk li l-bitha n-naha ta' fejn kien hemm il-bir fid-data tal-kuntratt u cioe' fis-sena 1984 kienet ghadha hamrija u mhux fl-istat li hi llum bil-konkos. Ghalkemm bhala zminijiet mhux jaqbel, il-konvenut Angelo Magro wkoll ikkonferma li l-bitha kienet bil-hamrija u mhux bil-konkos kif inhi llum. Hekk xehed fis-seduta tat-2 ta' Lulju, 2015 a fol. 279 *et seq* tal-process:

'Avukat: Jaghti ghal fuq il-bitha. U naqblu li l-bieb li jaghti ghal fuq dik il-bitha dik dejjem kienet bitha?

Xhud: Kienet iva..le qabel le ghax dik konkos ahna tajnieha, kont ghadni zghir. Dik hamrija kienet.

Avukat: Meta tghid kont ghadek zghir kemm kellek zmien jigifieri bejn wiehed u iehor?

Xhud: U kemm kelli tmin snin, ghaxar snin?'.

Illi n-Nutar Victor John Bisazza (ara affidavit a fol. 161 tal-process) fir-rigward tal-bitha huwa kkonferma li din taghmel parti mir-razzett. Hekk qal:

'Il-fond oggett tal-bejgh favur Emanuel Magro kien razzett konsistenti f'dawn l-ambjenti: 1. Entrata mghottija b'bieb li jghati ghar-raba u bieb iehor li jgib in-numru 1 ghat-triq 2. Kamra fuq ix-xellug tal-istess intrata, 3. Kamra ohra tmiss maghha b'bieb ghal-istess raba u tarag li jitla ghal pjan ta' fuq 4. Kamra ohra li tmiss ma' ta' qabel b'bieb ghall-bitha "fil-fond" 5. Fejn tesisti kamra ohra, 6. Kamra ohra quddiem il-bitha u 7. Kamra ohra li tmiss maghha. Dan jirrappresenta deskrizzjoni dettaljata tal-pjan ta' isfel li fiha hemm bitha li mill-kliem fil-virgoletti (li mhumiex inkluzi fl-att) indikativa li l-bitha taghmel ma, u tifforma parti mir-razzett.'

Illi fid-dawl ta' dak suespost huwa bil-wisq ovvju illi l-bitha kienet wahda shiha u kienet tifforma parti mill-fond akkwistat minn Emanuel Magro bil-kuntratt tal-24 ta' Awwissu, 1984 u ebda parti

minnha ma ghaddiet ghand l-ahwa fil-kuntratt li sar dakinhar stess.

Din il-Qorti rat ukoll mill-atti li dak li jsostni l-intimat Angelo Magro li l-bir imsemmi fil-kuntratt tieghu u ta' hutu huwa dak li jinsab fil-bitha kontestata huwa sahansitra kkontradett mill-istess hutu li kienu parti fl-istess kuntratt li jixhdu li r-referenza ghall-bir kienet ghal bir iehor u mhux dak li jinsab fil-bitha tar-razzett.

Jirrizulta li Emanuel Magro bit-testment tat-13 ta' Marzu, 1986 (a fol. 21 *et seq* tal-process) ghadda lill-bintu Angela Magro '*…id-dar tikkonsisti fil-post il-qadim u fil-post ta' hdejh li tidhol ghalih mix-xatba…*'. Il-bitha tifforma parti kemm mill-post il-qadim, u kemm mill-post li tidhol ghalih mix-xatba, stante li tinsab fin-nofs taghhom (ghalkemm llum hija maqsuma fi tnejn, irrizulta ppruvat li originarjament kienet wahda shiha). Minn dan jinsorgi bla ebda dubju li l-bitha hija proprjeta' tal-attrici Angela Magro.

Jibqa' li jigi deciz sa fejn twassal din il-bitha fuq il-parti ta' fuq tar-razzett u cioe' jekk hux sal-parti kollha li tidher pavimentata hdejn dak inikat bhala 'well' fil-pjanta a fol. 276 izda r-risposta ghal dan il-kwezit tohrog aktar ara la darba jsiru l-konsiderazzjonijiet dwar il-kamra hekk imsejjha tal-annimali / inbid.

**Kamra ta' l-annimali drabi ohra msejha kamra ta' l-inbid:**

Illi din il-kamra ta' l-annimali u drabi ohra msejjha ta' l-inbid hija wkoll in kontestazzjoni u giet indikata fuq il-pjanta a fol. 276 tal-process bl-ittra 'Y'. Il-konvenut Angelo Magro jinsisti li din il-kamra hija proprjeta' tieghu stante li ghaddiet ghandu mal-qasma li huwa ghamel ma' hutu. Jinghad li effettivament qasma ma' hutu

b'kuntratt qatt ma saret pero' kienet wahda verbali u allura l-argument se mai huwa li hija proprjeta' tal-ahwa kollha fil-kuntratt u mhux tieghu biss.

Jirrizulta li fil-kuntratt ta' akkwist tar-razzett minn Emanuel Magro a fol. 36 *et seq* tal-process jirrizulta li huwa xtara u akkwista '…*Hemm ukoll kamra tal-annimali li tinsab fir-raba ta' wara r-razzett. Dan ir-razzett, bil-kamra, jidher immarkat bl-ahmar fuq il-pjanta annessa ma' dan il-kuntratt ghar-registazzjoni, markata dokument bl-ittra 'A'.*'

Mill-atti jirrizulta li din il-kamra ta' l-annimali/inbid li tidher fir-ritratt a fol. 105 tal-process immarkat bhala Dok AM27 u AM29 hemm qbil bejn il-partijiet lkoll ahwa li din kienet giet imwaqqa mill-konvenut Angelo Magro u li rega' bnija b'varjazzjonijiet. Fost dawn il-varjazzjonijiet kien hemm is-segwenti :

(i) id-daqs tal-kamra stante li regghet inbniet ikbar u jidher mill-atti li hemm qbil bejn ix-xhieda li l-parti fejn tkabbret jigi fuq l-art akkwistata mill-ahwa fosthom l-intimat Angelo Magro,
(ii) l-access ghal din il-kamra precedentement kien minn bieb li jaghti dirett ghal fuq il-bitha deskritta fil-paragrafu precedenti formanti parti mir-razzett. Fil-fatt fuq il-pjanta a fol. 276 gie identifikat mill-istess intimat Angelo Magro bl-ittra X fejn kien jinsab il-bieb originarjament. Bil-modifiki li saru fiha l-access sar dirett mir-raba proprjeta' tal-konvenut u hutu. Dan gie kkonfermat mill-konvenut innifsu fis-seduta ta' nhar it-2 ta' Lulju, 2015 (a fol. 279 *et seq* tal-process) fejn stqarr is-segwenti:

> 'Avukat: Ezatti. Il-kamra li hija mmarkata bil-Y ukoll ghal gharfien tal-Qorti hija l-kamra li qeghda in kontestazzjoni

biex nghidu hekk ghax ma gietx immarkata minnhom. Mela fuq il-kamra li qeghda mmarkata bl-ittra Y issa li qed nurik hawnhekk, naqblu li l-bieb taghha jaghti ghal fuq r-raba?

Xhud: Kien jaghti fuq gewwa, hi kienet tmienja b'ghaxra l-kamra, dik kamra tal-inbid konna nghidulha. Jigifieri misset lili..
…

Avukat : Meta qed tghid huma qed tghid l'erba' hutek l-ohrajn. Ha naslu ghal dik ukoll pero ghal din id-domanda l-importanti hija din ghalissa. Inti semmejt li ghandha l-bieb illum li jaghti fuq ir-raba. Semmejt ukoll li kienet ta' certu qies. Min biddlilha l-qies, min kabbarha?

Xhud: Jien.

Avukat: U l-bieb naqblu li kien mall-istess faccata biex nghidu hekk imma iktar l'isfel? Il-bieb li kien qabel ma kabbartha inti naqblu li kien mall-istess faccata pero iktar l'isfel? Iktar lejn ir-razzett?

Xhud: Kien qieghed fuq l'hawn ghax bilkemm kien hemm mall-hajt ta' dik il-bicca hamrija, mbaghad waqqajtu u tfajtu l'barra biex nidhol b'karozza hemm gew, nidhol b'mutur tal-hart hux.

Avukat: Jigifieri kabbartu u ghamilt il-bieb hemmhekk.

Xhud: Ehe.

> Avukat: Pero qabel kien tista' tghid forsi timmarka inti tahziza jew b'xi forma ta' xi mod.
>
> …
>
> Qorti: Sewwa, x-xhud qed jimmarka bi vlegga l-post fejn kien hemm il-bieb mall-kamra.'

L-attrici fl-affidavit taghha a fol. 96 *et seq* tal-process ukoll taghti spjegazzjoni ta' kif kienet din il-kamra tal-annimali/tal-inbid u tghid is-segwenti:

> 'Fit-tarf tal-bitha hemm kamra li ahna konna nsejhulha l-kamra ta' l-annimali u dan billi missieri kien izomm gjo fiha drabi xi ghogol u drabi ohra xi baqra. Fl-antik net din il-kamra kienet ta' l-istess ghamla bhal dik tal-maqjel li ghadni kemm semmejt maghmula bl-istess tip ta' gebel antik. Kien hemm zmien fejn missieri ma baqax izomm l-annimali f'din il-kamra izda beda juzha sabiex izomm fiha id-dameggani tal-inbid. F'dan iz-zmien huwa kien ghadu jhallas il-qbiela u naf illi meta beda juza din il-kamra ghall-inbid huwa waqqa l-kamra li kien hemm u kabbar il-qis taghha bi ftit izda xorta wahda halla is-saqaf taghha bil-pjanci. Missieri miet fis-sena 1995 u wara li gara dan, bejn wiehed u iehor xi hmistax il-sena ilu, hija Anglu qabad u beda juza din il-kamra minnghajr ma talabni l-ebda permess biex jaghmel dan. Anglu kien talabni l-permess biss biex ikabbar il-kamra u jiena ghidtlu li jista jkabbarha ghaliex dak iz-zmien jiena kont ghadni lanqas biss gbart kopja tat-testment ta' missieri u ma kontx naf ezatt x'kien fih.

F'dak iz-zmien Anglu waqqa' l-kamra kollha u bena ohra minn flokha li kienet akbar. Din il-kamra tidher fir-ritratti mmarkati "**AM27**" sa "**AM30**". Fir-ritratt "**AM30**" tidher il-kamra minn faccjata. Il-kamra li kien bena missieri kienet tasal bejn wiehed u iehor sa nofs il-bieb li jidher fir-ritratt "**AM30**" u kellha l-bieb taghha li kien wiehed ta' daqs normali ta' kamra u kien jinsab fuq in-naha tal-lemin meta thares lejha minn faccjata. Anglu kabbar din il-kamra fid-dawra taghha kollha billi: fuq wara taghha bniha ezatti mal-hajt tas-sejjiegh mentri qabel kellha parti minnha li ma kienx imiss ma dan il-hajt tas-sejjiegh; fil-genb tan-naha tax-xellug huwa zied xi tlett piedi u dahal fuq ir-raba tieghu u ta' huti; minn naha ta' quddiem huwa zied ukoll xi tlett piedi u fl-istess hin ressaq il-bieb lejn ix-xellug tal-kamra u kabbru sabiex ghamlu ta' daqs ta' garage; u fil-genb tan-naha tal-lemin li jigi fil-bitha tieghi zied bicca wkoll madwar pied u nofs.'

Ix-xhud Salvatore Magro in kontro-ezami a fol. 345 *et seq* tal-process ikkonferma li l-kamra tal-annimali li wara giet trasformata f'wahda tal-inbid kienet tintuza minn missieru ghal ghasir u l-hazna tal-inbid. Hekk xehed:

'***Dr John Bonello :***
Bejn in-1984 u n-1996 jigifieri kien hemm daqqa ta' 12-il sena, anzi intom kontu hemmhekk bi qbiela qabel, imma fl-1984 xtrajtu; jigifieri kien hemm daqqa ta' 12-il sena fejn din l-art kienet taghkom u kontu ga thallsul qbiela,. kontu sidien taghha; din il-kamra x' kien isir minnha?

***Xhud :***

Missieri kien jaghsar l-inbid u konna l-inbid go fiha. Salbtieti kien hemm imbaghad haraqhom hu, harighom minn go fihom u harahom.

***Dr John Bonello :***
Ghandek idea meta kienet l-ahhar darba li intaghsar l-inbid?

***Xhud :***
L-ahhar darba li intghasar l-inbid ma niftakarx.

***Dr John Bonello :***
L-inbid missierek kien jghasru?

***Xhud :***
Kien missieri u konna ahna mieghu.

***Dr John Bonello :***
Inti meta ghasart l-ahhar per ezempju ?

***Xhud :***
Kollha f'daqqa konna nghasru. Kont ghandi noqghod hemm jien'

Ix-xhud George Magro in kontro-ezami a fol. 426 *et seq* tal-process fir-rigward din il-kamra ta' l-inbid primarjament qal li kienu hasbu li kienet tifforma parti mir-raba li pero' sussegwentament indunaw li din kienet tifforma parti mir-razzett. Hekk xehed:

'Dr: Int taf x'kien id-diskors fuqha l-kamra tal-inbid?
Xhud: Mieghi?
Dr: Ma' Anglu.

Xhud: Dik konna nahsbuha taghna. Meta gabet it-testment kienet ta' ohti. Kollha konna nahsbu li l-garaxx huwa taghna. Kien hemm il-bitha tat-tigieg li hsibniha taghna u kienet taghha ukoll. Il-maqjel tat-tiben hsibnih taghna u kien taghha ukoll. Jekk ma tarax it-testment ma tkunx taf x'ghandek.

…

Dr: L-ewwel ghedt li ma kienetx garaxx.

Xhud: Ghall-ewwel ma kenitx garaxx. Kienet kamra tal-inbid u kienet tal-bhejjem imbaghad waqqaha Anglu u ghamilha garaxx.

Dr : Dik kienet parti mir-raba l-kamra tal-inbid?

Xhud: Le. Il-kamra tal-inbid kienet parti mar-razzett. Imbaghad fejn hareg hu gie parti mir-raba.'

In-Nutar Victor John Bisazza fl-affidavit a fol. 161 tal-process ikkonferma li l-kamra tal-annimali tifforma parti mir-razzett. Hekk qal illi:

> 'Ghal dak li jirrigwarda ir-razzett id-dettal li bih jinsab deskritt ma' jhallix lok ghall-interpretazzjoni. Il-kmamar huma 8, loggia u kamra ghall-annimali. Dan ir-razzett bil-kamra (jigifieri dik tal-annimali) gew imhollija lill-Angela Magro bint xebba ta' Emanuel Magro missierha li kien xtrah fis-sena 1984 u mholli bi pre-legat b'testment fl-atti tieghi datat 13 ta' Marzu 1986.'

Il-fatt li l-bieb tal-kamra tal-annimali, drabi ohra msejha ta' l-inbid kellha l-access dirett taghha mill-bitha, akkumpanjat mad-deskrizzjoni tal-kuntratt u l-pjanta, u kkollaborata mix-xhieda suesposti, din il-Qorti tqis li gie debitament pruvat lilha sal-grad

rikjest mil-ligi li l-kamra ta' l-inbid hija l-istess kamra ta' l-annimali / inbid (immarkata bl-ittra Y fil-pjanta a fol. 276) akkwistata minn Emanuel Magro permezz tal-kuntratt ta' akkwist tal-24 ta' Awwissu, 1984. Emanuel Magro ghadda lill-attrici Angela Magro kemm id-dar li tikkonsisti fil-post il-qadim u kemm il-post ta' hdejh li tidhol ghalih mix-xatba u din il-kamra li espressament nizzel li tinsab fir-raba. Ghaldaqstant il-kamra tal-annimali/inbid ghaddiet f'idejn l-attrici permezz tal-legat mholli lilha minn Emanuel Magro.

Jirrizulta izda mid-deskrizzjoni u x-xiehda li tat l-istess attrici Angela Magro li din il-kamra kif akkwistata minn missierha kienet ta' daqs izghar. Fil-fatt taghmel referenza ghar-ritratt a fol. 105 AM 30 u tghid li din kienet tasal sa nofs il-bieb tal-hadid. Ukoll tixhed li l-istess intimat Angelo Magro zied mill-anqas tlett piedi l-barra fil-proprjeta' tal-ahwa u mhux tal-missier. Ghalhekk huwa d-daqs tal-kamra kif kien originarjament li ghaddha bhala legat ghand ir-rikorrenti u mhux il-kamra kollha. Din il-Qorti ghajr li taghmel referenza ghax-xiehda suesposta ta' Angela Magro mhijiex f'posizzjoni mill-provi migbura li tindika bl-ezatt id-daqs originali tal-kamra. Izda b'referenza ghall-provi kollha migbura tifhem li l-bieb tal-kamra ghandu jirritorna fejn gie indikat mill-intimat fuq il-pjanta a fol. 276 fejn hemm indikat bl-ittra X u l-kamra ghandha tonqos zgur mill-wisa' taghha meta thares lejha fir-ritratt a fol. 105 numru AM 30 sa nofs il-bieb tal-hadid jew ahjar zingu. Il-bqija tal-ambjent tal-kamra minn nofs il-bieb lejn ir-raba fuq in-naha tax-xellug meta thares lejn ir-ritratt AM 30 mhux formanti parti mill-legat imholli mill-missier lill-Angela Magro izda huwa proprjeta' tal-ahwa fil-kuntratt ta' akkwist tar-raba. B'dawn l-ordnijiet il-Qorti tqis li l-kamra tkun giet avvicinta kemm jista' jkun ghad-daqs originali taghha.

Illi mis-suespost jirrizulta wkoll illi la darba l-bieb tal-kamra tal-annimali kien originarjament jaghti ghal fuq l-ambjent pavimentat tal-bitha kif jidher immarkat fil-pjanta a fol. 276 tal-process allura jirrizulta pruvat li hija dik il-parti pavimentata kollha li tifforma parti mill-bitha tar-razzett (u mhux parti kif qed jikkontendi l-intimat Angelo Magro) u ghalhekk il-bitha kollha kif pavimentata fuq l-istess pjanta hija formanti parti mill-legat mholli lill-attrici Angela Magro.

**Remissa:**

Fir-rigward ir-remissa li giet indikata fir-ritratt a fol. 105 tal-process immarkat bhala Dok AM13 u bl-ittra Y 1 fuq il-pjanta a fol. 276, l-attrici Angela Magro fid-deposizzjoni taghha bil-procedura tal-affidavit tghid illi:

> 'Kif tidhol mix-xatba li tidher mir-ritratt "AM5" hemm ukoll kamra li tidher fir-ritratt mmarkat "AM13" fejn hija mmarkata bil-linji suwed. Din nirreferu ghaliha bhala r-remissa u dan billi fi zmien missieri din il-kamra kellha l-fetha taghha forma ta' hnejja minnghajr ebda bieb u missieri kien idahhal fiha t-trukk tieghu. Illum din il-kamra rrangha hijja Zeppi u qeghda f'idejh izda ahna kollha nafu li din tifforma parti mir-razzett ukoll u l-gebla taghha nirreferu ghaliha bhala l-gebla l-antika.'

Illi l-posizzjoni tar-remissa qieghda ezattament faccata tax-xatba (ara ritratt tax-xatba a fol. 105 tal-process immarkat bhala DokAM14) li minnha taccedi mit-triq ghal gol-proprjeta'. Jekk tinghata harsa lejn il-mod kif inhi mibnija r-remissa kemm mill-

gebel tal-faccata (ghajr ghal parti tal-hnejja li giet mibdula ghal wahda bil-blata) kif ukoll mill-genb u l-bejt (ara r-ritratti a fol. 105 tal-process immarkat bhala Dok AM17 u AM23), jidher bic-car li r-remissa hija wahda kontinwa formanti parti minn dik il-parti tal-bini tar-razzett.

Fit-testment ta' Emanuel Magro datat 13 ta' Marzu, 1986 fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza, li ghandu jinghad li sar sentejn biss wara li huwa xtara u akkwista l-fond indika, huwa ddikjara li qieghed ihalli b'titolu ta' legat '*…id-dar tikkonsisti fil-post il-qadim u fil-post ta' hdejh li tidhol ghalih mix-xatba u* ***li ghandu tlett ikmamar****, u eskluzi minnu t-tlett garages u tlett imqajjel li huma ta' proprieta' tat-tfal, u li jaghmlu mar-raba li hija wkoll proprjeta tat-tfal…*'. Jekk tinghata harsa lejn il-pjanta a fol. 276 tal-process wiehed facilment jinduna li hemm tlett ikmamar u cioe' r-remissa, il-kamra tal-pranzu u l-kcina li maghha hemm il-kamra tal-banju. Il-maqjel effettivament m'huwiex kamra u dan jidher anke mir-ritratti a fol. 105 tal-process immarkati bhala Dok AM25 u AM26 fejn il-bieb huwa icken minn bieb normali u l-gholi tal-maqjel m'huwiex l-gholi ta' kamra normali kkunsidrata abitabbli ghan-nies. Tant li din il-kamra kienet tintuza bhala maqjel li mal-faccata taghha hemm maxtura li fiha kienu jitfghu l-ikel jew l-ilma lill-annimali. Ghalhekk din il-Qorti hija pjenament konvinta li r-remissa indikata Y 1 fuq il-pjanta a fol. 276 tal-process hija wkoll formanti parti mill-proprjeta' li ghaddiet ghand Angela Magro permezz tal-legat imholli minn missierha Emanuel Magro. Din il-konkluzjoni tal-Qorti hija wkoll komfortata mill-fatt li dan jikkonfermawh ukoll l-intimati kollha ghajr l-intimat Angelo Magro kif isegwi :

(i) L-intimat Angelo Magro fid-deposizzjoni tieghu moghtija bil-procedura tal-affidavit a fol. 205 u fol. 206 tal-process iddikjara li din ir-remissa hija proprjeta' ta' huh Joseph Magro:

> '8. Illi dwar il-bieb u x-xatba… Nghid ukoll li fuq struzzjonijiet ta' ohti Angela Magro kien ittella' hajt ta' madwar sitt piedi minn mal-hajt tar-razzett ghal mal-garaxx tat-tarf li kien ghadda ghand hija Joseph. Dan il-hajt twaqqa' u minfloku ttella' hajt iehor minn mal-garaxx ta' hija Joseph ghal mat-tarf tax-xatba.'

(ii) A kuntrarju tal-intimat izda l-istess Joseph Magro fid-deposizzjoni tieghu moghtija bil-procedura tal-affidavit a fol. 111 tal-process skredita lill-konvenut fejn qal illi r-remissa hija proprjeta' tal-attrici Angela Magro:

> 'Jiena naqbel ma dak li qalet ohti ghal dak li jirrigwarda l-partijiet li messu lillha minn ghand il-ġenituri taghha. Naqbel illi r-razzett jinkludi mieghu kemm il-kamra ta' l-annimali kif ukoll ir-remissa li semmiet ohra fl-affidavit taghha u ma naqbilx ma hija Anglu li qed ikompli jinsisti li jwaqqaf lil Angla milli tgawdi il-partijiet kollha tar-razzett li semmiet hi fl-affidavit taghha inkluz il-kamra ta' l-annimali.'

L-istess ikkonferma fil-kontro-ezami tieghu (ara fol. 334 et seq) ghalkemm jammetti li ghall-bidu kienu jahsbu li din ir-remissa kienet tifforma parti minn akkwistat bejnu u hutu.

Li r-remissa hija proprjeta' tal-attrici Angela Magro gie wkoll ikkonfermat mix-xiehda Emanuel sive Leli Magro (a fol. 113 tal-process), Salvu Magro (a fol. 114 tal-process), Domenica Pulis (a

fol. 115 tal-process), Grezzju Magro (a fol. 116 tal-process), George Magro (a fol. 117 tal-process), Anthony Magro (a fol. 118 tal-process) u Mary Darmanin (a fol. 119 tal-process).

**Konkluzjoni dwar il-legat :**

Illi ghaldaqstant din il-Qorti in vista tal-kunsiderazzjonijiet suespost tasal sabiex tikkonkludi li l-legat li ghaddha minn Emanuel Magro lill-attrici Angela Magro kien jinkludi l-ambjenti segwenti lkoll b'referenza ghall-pjanta a fol. 276 tal-process :

1. L-ambjenti kollha mmarkati bil-kulur orangjo ;
2. Il-kamra tal-annimali / nbid li hija dik immarkata bl-ittra Y izda fid-daqs ridott taghha kif indikat minn din il-Qorti aktar il'fuq;
3. l-isqaq li jidher indikat bil-pavimentar fuq il-pjanta fil-genb tal-ambjent immarkat bl-ittra Y 1 u li jwassal sal-bieb fl-estremita` tal-pjanta fuq ix-xellug tal-pjanta u nkluz il-bieb;
4. ir-remissa li hija dik indikata bhala Y 1;
5. il-bitha kollha li tidher pavimentata fuq il-pjanta u li tibda mill-genb tal-kamra li taqsam minn binja ghall-ohra mmarkata Z u li tasal sal-kantuniera tal-ambjent immarkat 'Third party' fuq naha u l-kamra tal-annimali / nbid mmarkata bl-ittra Y.

**Ripristinar – Rimozzjoni tal-cable u katusa tad-dawl u ta' l-ilma:**

Illi l-attrici Angela Magro fil-hames talba talbet dikjarazzjoni li l-konvenut Angelo Magro llegalment u abbuzivament wettaq xoghlijiet fost affarijiet ohra billi ghadda cable u katusa tad-dawl u tal-ilma mill-bitha li tifforma parti mill-proprjeta' taghha. Fis-sitt

talba talbet li jigi kkundannat sabiex il-konvenut jirripristina s-sitwazzjoni billi jnehhi l-cable u l-katusa li ghaddejjin mill-bitha.

Dwar dan l-attrici pprezentat ritratti a fol. 105 tal-process immarkati bhala Dok AM35 u Dok AM36 li juru l-katusa ghaddejja mill-bitha proprjeta' tal-attrici. Gew prezentati wkoll a fol. 172 tal-process ritratti mmarkati bhala Dok V1 sa Dok V7 li juri kemm il-cable tad-dawl, kif ukoll il-katusa li jidhru fl-istess bitha mal-bir u jidhlu taht l-art.

Illi kif gie ddikjarat fil-paragrafu precedenti ntitolat 'Bitha li fiha hemm bir', irrizulta ppruvat li l-bitha li fiha l-bir tifforma parti mill-proprjeta' li ghaddiet f'idejn Angela Magro permezz tal-legat. Gjaladarba rrizulta ppruvat li l-katusa u l-cable ghaddejjin mill-bitha u la darba wkoll irrizulta mill-provi li dawn ghamilhom Angelo Magro huwa obbligat li jirripristina s-sitwazzjoni fl-istat precedenti u dan billi l-oggetti msemmija jigu rimossi minn gol-proprjeta' tal-attrici. Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' il-hames u sitt talba fejn ghandu x'jaqsam mal-cable u mal-katusa tad-dawl u l-ilma.

**<u>Ripristinar - Xoghlijiet fuq il-kamra ta' l-annimali u fuq il-hitan:</u>**

Illi mill-atti rrizulta li l-konvenut Angelo Magro ghamel xoghlijiet fil-kamra ta' l-annimali drabi ohra msejjha kamra ta' l-inbid konsistenti fit-tkabbir taghha u fic-caqliq tal-bieb taghha milli jhares fuq il-bitha fejn hemm il-bir ghal fuq ir-raba proprjeta' tieghu.

Illi stante li rrizulta li din il-kamra hija formanti parti mill-legat imholli minn Emanuel Magro lill-attrici Angela Magro hekk kif

iddikjarat aktar il' quddiem, il-konvenut huwa obbligat li jirripristina l-kamra fl-istat precedenti taghha kif gia indikat u ordnat minn din il-Qorti f'din id-decizjoni aktar il-fuq taht it-titolu 'Kamra ta' l-annimali drabi ohra msejha kamra ta' l-inbid'.

Illi l-istess ghandu jinghad fuq il-hitan li l-attrici permezz ta' terzi ghamlet sabiex tiddelimita l-proprjeta' taghha. Il-konvenut huwa obbligat li jirripristina l-hitan billi dawn jergghu jinbnew fl-gholi originali taghhom u fil-posizzjoni originali taghhom kif jidhru fir-ritratti a fol. 105 tal-process immarkati bhala Dok AM37 u AM39.

Ghall-ghan suespost il-Qorti tqis li jkun idonju li jigi nominat il-Perit Valerio Schembri sabiex jissupervizjona x-xoghlijiet stante li gia ha konjiizzjoni tal-ambjenti in kwistjoni flimkien mal-Imhallef precedenti u wkoll huwa nominat f'kawza ohra bejn il-partijiet dwar l-istess proprjetajiet.

**<u>Tmien (8) eccezzjoni – Azzjoni hi wahda ntempestiva:</u>**

Illi fit-tmien eccezzjoni l-konvenuti Angelo u Salvina konjugi Magro eccepew li l-azzjoni hija wahda ntempestiva stante li ma gietx preceduta minn interpellazzjoni gudizzjarja u ghalhekk m'ghandhomx jigu kkundannati spejjez.

Illi l-attur fis-seduta tal-24 ta' Settembru, 2015 in kontro-ezami kkonferma li bejn il-partijiet ghaddew korrispondenzi u kien hemm laqghat fejn il-partijiet ittentaw jaslu f'arrangament bonarju madankollu dan ma sehhx. Hekk xehed illi:

> 'Dr Grech: Iva imma naqblu li kien hemm diversi ittri mibghuta lilek?

Xhud: Iva. Dr Grech ried jaghlaqli l-garaxx f'dak il-passagg.

Qorti : Ma ftehmtux fuq il-kundizzjonijiet.

Dr Grech: Naqblu li kien hemm diversi laqghat ukoll apparti l-ittri li kien hemm l-iskambju tal-ittri kien hemm diversi laqghat ukoll?

Xhud: Le.

Dr Grech: Fuq il-post qatt ma mortu ma ntqajtu?

Xhud: Iva darba bl-avukat iva.

Dr Grech: Naqblu wkoll, din id-darba jiena issa, li filfatt ghan-nom t'ohtok kont ktibtlek ittra wkoll? Ghandi kopja hawnhekk jekk huwa l-kaz. Taqbel li jiena wkoll minn naha tieghi kont ktibtlek ittra?

Xhud: Ma ktibtlix..ktibtlix ghaliex?

Qorti: Biex tirrangaw biex taslu ghal ftehim.

Dr Grech: Biex tghaddilha l-pussess.

Xhud: Iva mbaghad gie l-avukat mieghi u ma ftehmnix. Gejna ghandek hemmhekk u ma ftehmnix.'

Illi minn dak iddikjarat jirrizulta li l-konvenut kien ben infurmat dwar x'kien ghaddej dwar il-fond u dwar it-talba ghall-immissjoni

tal-legat b'dan li n-notifika tal-kawza odjerna zgur li ma hadiex b'sorpriza. Ghaldaqstant din il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din it-tmien eccezzjoni bhala wahda kompletament frivola.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi :

1. Tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet tal-intimati Angelo u Salvina Magro;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tikkundanna lill-intimat Angelo Magro bhala werriet ta' Emanuel Magro ihallas lir-rikorrenti Angela Magro jew l-aventi kawza kif legittimati, l-legat lilha mholli mill-istess Emanuel Magro fit-testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza, li jgib id-data tat-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u sitta u tmenin (1986), billi jaghtiha l-pussess legali tar-razzett kif identifikat minn din il-Qorti u fid-dawl ta' dak deciz aktar il' fuq;

3. Tilqa' t-tieni talba u tahtar lin-Nutar William Azzopardi sabiex jircievi u jippubblika l-att relattiv ta' immissjoni fil-pussess u tahtar lil Dr. Natalino Caruana De Brincat bhala kuratur biex jidher f'isem l-intimat Angelo Magro fil-kaz illi dan jonqos li jersaq ghall-publikazzjoni ta' dan l-att;

4. Tilqa' t-tielet talba u tordna li l-att relattiv ta' imissjoni fil-pussess ghandu jigi ppubblikat fi zmien xahrejn mid-data li din id-decizjoni ssir *res judicata* fil-gurnata u l-hin li jigu indikati minn Nutar nominat lill-partijiet;

5. Tilqa′ r-raba talba u tiddikjara li dawk il-partijiet mir-razzett u l-kamra ta′ l-annimali li l-konvenut Angelo Magro usurpa favur tieghu certu drittijiet kif deciz aktar il′ fuq, jappartjenu lir-rikorrenti Angela Magro jew l-aventi kawza kif legittimati;

6. Tilqa′ l-hames talba u tiddikjara li l-intimat Angelo Magro wettaq xogholijiet fuq zewg hitan u fuq il-kamra ta′ l-annimali u wkoll ghadda *cable* u katusa tad-dawl u l-ilma rispettivament f′bitha li lkoll jifformaw parti mill-immobbli proprjeta tar-rikorrenti u konsegwentement qed jokkupa partijiet mir-razzett illegalment, abbuzivament u bla ebda titolu fil-ligi;

7. Tilqa′ s-sitt talba u tordna lill-intimat Angelo Magro sabiex, a spejjez tieghu u taht sorveljanza tal-Perit Valerio Schembri li qed jigi mahtur minn din il-Qorti ghal dan il-ghan, jirripristina s-sitwazzjoni koncernanti r-razzett proprjeta′ tar-rikorrenti fl-istat prevalenti qabel ma saru x-xogholijiet in kwistjoni u cioe′ billi jinbnew iz-zewg hitan li twaqqaw mill-intimat Angelo Magro, isiru t-tibdiliet strutturali neccessarji fil-kamra ta′ l-annimali sabiex tingab lura ghad-daqs originali taghha u nkluz li jitressaq il-bieb ghal fejn kien u jitnehhew il-*cable* u l-katusa li bhalissa ghaddejjin mill-bitha proprjeta tar-rikorrenti, dan kollu kif suespost f′din id-decizjoni u konsegwentement ukoll jiddezisti milli jokkupa dawn il-partijiet tar-razzett bi kwalunkwe mod u jirrilaxxa l-imsemmija partijiet okkupati minnu illegalment u dan fi zmien massimu ta′ tlett xhur minn meta din id-decizjoni ssir *res judicata;*

8. Tilqa′ s-seba′ talba u fil-kaz li l-intimat Angelo Magro jibqa′ inadempjenti fi zmien mpost fuqu tawtorizza lir-rikorrenti sabiex

jaghmlu huma x-xoghlijiet neccessarji imsemmija fit-talba precedenti a spejjez unikament tal-konvenut dejjem taht is-supervizjoni tal-Perit Valerio Schembri.

Bl-ispejjez kollha inkluz tal-Perit Valerio Schembri u tal-kuratur kontra l-intimat Angelo Magro.

Tordna komunika ta' din id-decizjoni fil-mument li ssir *res judicata* lill-Perit Valerio Schembri, lil Dr. Natalino Caruana De Brincat u notifika lin-Nutar William Azzopardi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**26 ta' Novembru, 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**26 ta' Novembru, 2020**